BirdLife
MALTA

# 8 għasafar protetti oħra maqtula hekk kif ikompli l-massakru

## It-total ta' għasafar li hu magħruf li ġew maqtula dan l-istaġun tal-ħarifa issa jlaħħaq xejn inqas minn 31

Filwaqt li l-kaċċa tal-ħarifa qed tkompli mingħajr xi tip ta' ħjiel li tista' tiġi sospiża minkejja l-ammont kbir ta' illegalitajiet li diġà kellna fl-ewwel xahar tal-istaġun, hekk ukoll qed tkompli l-kaċċa illegali ta' tajr protett li issa laħqet livelli allarmanti.

Minkejja l-fatt li l-passa tat-tajr tal-priża issa bdiet tnaqqas bil-mod, b'dan it-tajr qed jonqos, matul l-aħħar jiem kellna tmien (8) għasafar protetti oħra li nqatlu. Dan hekk kif kull speċi ta' tajr – minn spanjuletti u rsieset saħanistra sa Ħawwief – qiegħed jispiċċa fil-mira tal-massakru li bħalissa għaddej fil-kampanja Maltija.

Dan itella' t-total ta' għasafar protetti li hu magħruf li nqatlu s'issa fl-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa ta' din is-sena għal xejn inqas minn wieħed u tletin (31) kaġun tal-kaċċa bla kontroll u n-nuqqas assolut ta' infurzar tal-liġijiet biex din b'xi mod titrażżan.

Bejn ilbieraħ u llum, voluntieri tar-Raptor Camp ta' BirdLife Malta osservaw il-qtil ta' mill-inqas erba' spanjuletti fi spazju ta' ftit aktar minn 24 siegħa f'partijiet differenti ta' Malta. Fil-jiem ta' qabel kienu rappurtati każi oħrajn fosthom il-qtil ta' Russett Griż, spanjulett ieħor u anke tiri fuq il-Ħawwief bil-qtil ta' mill-inqas tnejn.

Din hija lista kronoloġika tal-każi ta' kaċċa illegali li seħħew mill-aħħar stqarrija ta' BirdLife Malta datata 25 ta' Settembru 'l hawn u li jtellgħu t-total ta' għasafar protetti maqtula li nafu bihom minn 23 għal 31:

- 29 ta' Settembru: Russett Griż (Grey Heron) jitniżżel fl-Imtaħleb.
- 29 ta' Settembru: Spanjulett (Kestrel) jinqatel fl-istess ġurnata.
- 4 ta' Ottubru: Ammont ta' Ħawwief (House Martin) jispiċċa fil-mira tal-kaċċaturi f'Binġemma. Jinqatlu mill-inqas tnejn.
- 6 ta' Ottubru (filgħodu): Spanjulett (Common Kestrel) jitniżżel f'Delimara.
- 6 ta' Ottubru (waranofsinhar): Żewġ Spanjuletti (Kestrels) maqtula fl-Imtaħleb.
- 7 ta' Ottubru (dalgħodu): Spanjulett (Kestrel) ieħor jinqatel fi Clapham Junction.

Membri tar-Raptor Camp ta' BirdLife Malta li bħalissa għaddejjin b'sorveljanza tal-kaċċa illegali tul il-passa tal-għasafar raw il-parti l-kbira ta' dawn l-għasafar jinqatlu b'għajnejhom stess. Il-każi kollha ġew rappurtati lill-pulizija għal aktar stħarriġ u veterinarju kkonferma li l-għasafar mietu kaġun ta' tiri ta' senter.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Imma minbarra dawn il-każi li ġew mgħoddija f'idejn il-pulizija, *birdwatchers* ta' BirdLife Malta li qed isegwu l-passa osservaw ukoll ammont sostanzjali ieħor ta' tajr milqut u ferut hu u jtir, b'mod partikolari fil-Buskett. Fl-aħħar jiem raw Arpa (Osprey) feruta tittajjar fuq il-Buskett u fit-3 ta' Ottubru kif ukoll Bagħdan Aħmar (Marsh Harrier) ferut. **(ara r-ritratti mehmużin)**

Kif wieħed jista' jinduna mil-lista ta' hawn fuq, l-akbar numru ta' għasafar li sparaw fuqhom il-kaċċaturi fl-aħħar jiem kienu spanjuletti. Inċidentalment fir-reġjun tal-Kalabrija fl-Italja kienet rappurtata passa qawwija ta' dan it-tajr fl-aħħar jumejn.

F'kummenti dwar din il-mewġa riċenti ta' qtil ta' tajr protett li tellgħet it-total għal 31 każ dan l-istaġun s'issa, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal li hu evidenti li n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-awtoritajiet ħalla impatt negattiv, b'aktar abbuż rampanti jiġi osservat. Hija ħasra li meta s-sitwazzjoni kienet bdiet tiddeterjora b'mod mgħaġġel il-Gvern ma ta l-ebda kas tas-sejħiet kontinwi ta' BirdLife Malta biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa. Dan kollu seta' jiġi evitat li kieku l-Gvern wera impenn serju ta' tolleranza zero fir-rigward tal-kaċċa illegali.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**

1. L-Arpa feruta li ġiet osservata tittajjar fuq il-Buskett ilbieraħ. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Bagħdan Aħmar ferut jittajjar fuq il-Buskett fit-3 ta' Ottubru. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. L-Ispanjulett. L-Ispanjuletti kienu l-aktar speċi li sfaw fil-mira tal-kaċċa illegali fl-aħħar jiem. Ritratt mill-arkivji ta' Aron Tanti)
4. Spanjulett Sekond fil-Buskett. (Ritratt mill-arkivji ta' Aron Tanti)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna